MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' April, 2007

Numru 5/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Khaled Ali M. Musbah**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fl-14 ta' Frar 2003 kontra l-imsemmi Khaled Ali M. Musbah li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah (1) li assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew

jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; (2) li importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; (3) li kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina bi ksur tal-ligi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; u (4) li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina kontra l-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lill-appellant (allura akkuzat) hati ta' l-akkuza taht l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' l-akkuza, b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabuh mhux hati tat-tielet kap ta' l-att ta' akkuza, u b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabuh hati tar-raba' kap ta' l-att ta' akkuza, iddikjarat lill-appellant hati talli bejn Lulju tas-sena 2001 u t-13 ta' Settembru 2001 assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dana skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; kif ukoll talli fit-13 ta' Settembru 2001 fl-Ajruport ta' Hal-Luqa importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett u dana skond it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza; kif ukoll talli fl-4 t'Awissu tas-sena 2001 ittraffika fil-Medicina Perikoluza eroina specifikata taht l-Ewwel Skeda, Taqsima III tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-

Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; u inoltre ddikjarat lill-istess Khaled Ali M. Musbah mhux hati skond it-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza u cioe` ta' pussess ta' droga eroina taht cirkostanzi tali li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; u wara li rat l-Artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(c)(d), 22(2)(b)(i), 26(1)(2), tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 17(b)(h), 20, 22, 23, 492(2) u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-istess Khaled Ali M. Musbah ghall-piena ta' ghoxrin (20) sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li ghamel taht arrest preventiv u ghall-multa ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) konvertibbli f'sena prigunerija f'kaz li ma jithallsux minnufih, ikkundannatu wkoll ihallas l-ammont ta' mija u sbatax il-lira Maltin (Lm117) import ta' l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u f'kaz li ma jithallsux minnufih jigu konvertiti f'piena ta' habs skond il-ligi; inoltre ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli jew immobbli ohra tal-hati, u fl-ahharnett ordnat id-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti li jikkonsistu f'medicini perikoluzi jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga mill-Ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizjoni diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti li kellu jirrapporta lil dik il-Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret u dan dejjem sakemm fi hmistax-il jum mid-data tas-sentenza l-Avukat Generali ma jkunx indika b'nota li tali droga ghandha tigi preservata in konnessjoni ma' xi process kriminali iehor. Dik il-Qorti waslet ghas-sentenza taghha wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li ghall-fini tal-piena l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza ghandu jigi assorbit fit-Tieni kap stante illi r-reat hemm dedott serva bhala mezz biex setgha jigi kommess ir-reat taht it-Tieni kap a tenur tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9;**

**Ikkunsidrat dwar il-piena li l-hati kien involut f'zewg okkazzjonijiet li fihom giet impurtata f'Malta d-droga eroina u cioe` l-ewwel darba fl-4 t'Awissu 2001 u t-tieni darba fit-13 ta' Settembru 2001, meta giet importata kwantita' ta' 448.9 grammi, b'purita` ta' 65% li ghandha valur bl-imnut fis-suq ta' madwar seba w tletin elf lira Maltin;**

**Qieset ukoll dak li ssottomettiet il-Prosekuzzjoni dwar il-parametri ta' piena f'kazijiet simili decizi minn din il-Qorti u li l-htija tal-hati f'dan il-kaz hija akbar u ghalhekk jimmeritah piena aktar gholja.**

**Qieset ukoll li f'kazijiet ta' din ix-xorta l-piena trid ukoll isservi ta' deterrent generali kontra kull min irid jew bi hsiebu jikkommetti reati ta' din ix-xorta li tant qed igibu hsara fis-socjeta` Maltija ;**

**Mill-banda l-ohra favur l-akkuzat qieset illi hu ghandu fedina penali nadifa f'Malta, li l-verdett ta' htija tal-gurati fit-tlett kapi li taghhom instab hati ma kienx wiehed unanimu kif ukoll is-sottomissjoni tad-difiza li l-partecipazzjoni tal-hati fir-reati in kwistjoni kienet inqas min dik ta' haddiehor.**

**Qieset ukoll dak li jiddisponi l-artikolu 492(2) tal-Kap. 9 dwar il-piena meta l-voti tal-gurati ma jkunux unanimi";**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Khaled Ali M. Musbah ipprezentat fis-16 ta' Lulju 2003 fejn talab li din il-Qorti tvarja l-verdett tal-gurati billi tikkonfermah in kwantu huwa ma giex misjub hati taht it-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza u thassru fil-kumplament u kif ukoll illi tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma giex misjub hati

ta’ l-akkuza taht it-tielet kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u li minnha gie lliberat u thassarha fil-kumplament billi tiddikjarah mhux hati ta’ l-ebda wahda mit-tliet akkuzi l-ohra li taghhom gie misjub hati u ghalhekk tilliberah minnhom u konsegwentement thassar kull piena nflitta fuqu; u fit-tieni lok u fi kwalsiasi kaz, tissostitwixxi l-piena ta’ ghoxrin sena prigunerija u l-multa ta’ tletin elf lira Maltin nflitti fuqu b’kull piena ohra li tkun taghmel aktar ghac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti: (1) il-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex setghu jsibu htija taht l-ebda wahda mit-tliet akkuzi fl-Att ta’ Akkuza li dwarhom sabu l-htija; (2) fi kwalsiasi kaz il-piena nflitta hija wahda gravuza ferm.

L-ewwel aggravju jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legalment u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta’ l-appellant ta’ l-ewwel, it-tieni u r-raba’ kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b’taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li

kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija, ben indirizzata, ma setghet legalment u ragonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw huma l-provi. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li <u>jaraw u jisimghu</u> x-xhieda kollha, waslu ghall-

konkluzjoni li ma jaghtux affidament lill-verzjoni ta' l-akkuzat.

Issa, dwar l-ewwel aggravju, l-appellant jilmenta illi l-gurati qaghdu fuq dak li qal Basam [Basam Mohammed Ben Khial] fl-istqarrija tieghu u l-ewwel xiehda li ta waqt il-kumpilazzjoni ad eskluzjoni ta’ dak li xehed l-istess Basam kemm waqt il-kumpilazzjoni kif ukoll waqt il-guri u ad eskluzjoni ta’ dak li stqarr l-appellant mal-Pulizija u dak li xehed waqt il-guri tieghu. L-appellant jghid illi jekk Basam ma kienx xhud kredibbli f’dak li qal meta skolpa lill-appellant, lanqas, u wisq anqas, ma dan seta’ jigi ritenut kredibbli u emmnut meta tefa’ l-htija fuq l-appellant. L-appellant isostni illi minn ezami akkurat ta’ l-istqarrijiet li ghamel Basam kemm lill-Pulizija, kif ukoll lill-Magistrat Inkwirenti u lill-Qorti Istruttorja fl-ewwel xiehda tieghu, “kull min ghandu xi ftit tal-bwon sens u xi ftit tal-esperjenza tal-hajja ma jista’ qatt jaghti kredibilita` lil dan Basam f’dak li qal kontra l-appellant.”

L-appellant jghid illi minbarra apprezzament manifestament hazin tal-provi, mill-verdett jidher car ukoll illi l-gurati la fehmu l-portata tal-principju fondamentali illi l-prova tal-htija ghandha tkun minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni u lanqas il-portata tal-principju fondamentali l-iehor illi l-oneru tal-prova hu fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuq l-akkuzat.

L-appellant iddikjara illi jaqbel illi normalment din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkunu ghamlu l-gurati jekk dawn setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-verdett taghhom, izda jinsisti illi dan huwa kaz fejn persuna innocenti giet misjuba hatja. Jirreferi ghax-xiehda ta’ Basam fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Jannar 2003 meta qal illi l-persuna li kienet fuq il-mutur fir-ritratt li kien urieh l-Ispettur Josric Mifsud, u li qabel kien qal li ma jaghrafx, kienet Salah Miled Ali – dan kien diga` stqarru Thafer Idris Gaballah Salem [li akkompanja lil Basam fit-13 ta’ Settembru 2001] – li Salah hu persuna perikoluza hafna, li d-droga Basam kien igibha ghal Salah u li l-appellant ma kellux x’jaqsam xejn mad-droga. L-appellant jirreferi wkoll ghal dik il-parti tax-xiehda ta’ Basam fejn jghid li huwa

ddecieda li jghid il-verita` mhux ghax hemm xi weghda jew inghata xi flus izda ghax "kellha tasal din il-gurnata biex jien nghid il-verita`. Ilni hafna nistenna biex nghid il-verita`."

L-appellant jghid illi oltre dak li kien qal Basam, m'hemm xejn x'jghaqqdu mad-droga li giet importata minn Basam u Thafer f'Settembru 2001 u minn Basam f'Awissu 2001. L-appellant jammetti illi f'Awissu 2001 huwa kien ivvjagga ma' Basam mil-Libja ghal Malta u li f'Settembru 2001 kien mar l-ajruport sabiex jilqa' lil Basam. Izda dwar xi reat li seta' kkommetta m'hemm xejn ghajr dak li allega fuqu Basam, li pero` wara rtira kollox. U ghalkemm lill-Pulizija l-appellant kien qallhom li meta Basam gie Malta f'Settembru 2001 ma kienx mar l-ajruport, din hija biss gidba li ntqalet minhabba fil-biza' u ma tikkostitwixxi l-ebda prova dwar id-delitti addebitati lilu.

Peress illi l-appellant jilmenta illi l-gurati ma fehmux il-portata tal-principju fondamentali illi l-prova tal-htija ghandha tkun minghajr ebda dubju dettat mir-raguni u lanqas il-portata tal-principju fondamentali l-iehor illi l-oneru tal-prova hu fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuq l-akkuzat, din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Minn tali ezami ta' l-indirizz jirrizulta illi dawn il-principji gew spjegati tajjeb mill-Imhallef li ppresjeda l-guri u enfasizzati diversi drabi tul l-indirizz u ghalhekk ma tistax taqbel ma' l-ilment ta' l-appellant. Mill-banda l-ohra din il-Qorti trid tippuntwalizza s-segwenti dwar l-indirizz:

(1) Meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jispjega l-htiega o meno ta' korroborazzjoni meta x-xiehda tkun dik moghtija minn komplici, qal illi "f'dan il-kaz, peress illi si tratta ta' kaz ta' droga u reati li ghandhom x'jaqsmu mad-droga, din ir-regola [cioe` li x-xiehda tal-komplici tinhtieg korroborazzjoni] ma tapplikax"[2]. L-artikolu 30 tal-Kap. 101 huwa aktar restrittiv minn hekk u, fortunatament, ftit aktar 'il quddiem fl-istess indirizz[3] l-

[2] Tape 22 side B p. 25.
[3] Tape 24 side A p. 27.

Imhallef li ppresjeda l-guri spjega fid-dettal u korrettement l-import ta' l-imsemmi artikolu.

(2) Permezz tar-raba' kap ta' l-Att ta' Akkuza, l-appellant gie akkuzat li "forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina lil persuna jew ghal xi persuna minghajr awtorizzazzjoni". Meta kien qieghed jispjega dan il-kap, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ndika bla tlaqliq li ma kien hemm ebda prova tal-fatti allegati mill-Avukat Generali f'dan il-kap, u cioe` ma kienx hemm provi li l-appellant "kellu kuntatti lokali fl-inhawi ta' Bugibba fir-rigward ta' min ried jakkwista d-droga" jew provi li "biegh, forna jew ikkonsenja, jew offra li jipprokura, iforni jew jikkonsenja id-droga eroina lil terzi persuni f'Malta". Issa, huwa minnu li mhuwiex mehtieg li l-prosekuzzjoni tipprova dak kollu li hija tallega bhala fatti, u dak li huwa essenzjali huwa li tipprova l-akkuza migjuba kontra persuna akkuzata. Izda l-akkuza hawn hi li l-akkuzat "forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina lil persuna jew ghal xi persuna". L-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega illi traffikar tinkludi anke importazzjoni u ghalhekk jekk jirrizulta lill-gurati illi l-appellant u Basam importaw l-eroina fl-4 ta' Awissu, hemm it-traffikar: "it-traffikar li hawn hawn hekk jekk ser jirrizultalkom huwa bil-fatt li giet importata d-droga dak inhar fl-4 ta' Awissu, mhux ghax qaghad iqassam u jbiegh fit-toroq – nahseb li qed nghid sew Dr. Said hux hekk?"[4]

Huwa minnu li skond is-subartikolu (1B) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101, il-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-importazzjoni. Izda r-reat ta' importazzjoni huwa reat li dwaru jipprovdi specifikatament is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15A tal-Kap. 101 li jghid testwalment hekk: **"Hadd ma jista' jimporta jew jesporta, jew igieghel li tigi importata jew esportata, jew jaghmel xi haga biex tkun tista' tigi importata jew esportata, medicina perikoluza f'Malta jew minn Malta hlief taht u skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza"**. Permezz tar-

[4] Tape 27 side A p. 23 -24.

raba' kap ta' l-att ta' akkuza, l-Avukat Generali ma akkuzax lill-appellant b'importazzjoni ta' eroina izda talli "forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina" bi ksur tar-regolament 4 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939, li huwa reat separat u distint minn dak ta' importazzjoni. Difatti l-Avukat Generali, fit-tieni kap ta' l-att ta' akkuza, akkuza lill-appellant bir-reat ta' importazzjoni b'referenza ghat-13 ta' Settembru 2001, izda fir-raba' kap li jirreferi ghall-ewwel gimaghtejn ta' Awissu 2001 il-hsieb ta' l-Avukat Generali ma kienx li jakkuza lill-appellant b'importazzjon izda bir-reat kontemplat fl-imsemmi regolament 4 stante li kien qieghed jallega illi l-appellant mexxa f'Malta l-eroina li kienet iddahhlet minn Bassam.

Fir-rigward tar-reat ta' importazzjoni, is-sinifikat tas-subartikolu (1B) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 hu illi fejn tintuza l-kelma "jittraffika" jew varjazzjonijiet ta' dik il-kelma, tali kelma ghandha titqies bhala referenza wkoll ghall-att ta' "importazzjoni". Hekk, per ezempju, fl-artikoli 22(2)(a)(b)[5], 22(6)[6], 22A[7], 24A[8], 26(2)[9], 27[10] tal-Kap. 101.

Konsegwentement l-ewwel Qorti ma kinitx korretta fid-direttiva li tat lill-gurati, u billi mill-provi ma jirrizultax illi l-appellant "forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina" kif akkuzat, il-gurati ma setghux isibuh hati tar-raba' kap.

Din il-Qorti ezaminat ukoll b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda, l-istqarrijiet ta' l-appellant u d-dokumenti l-ohra esibiti, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konjizzjoni taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami

---

[5] Pieni applikabbli mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Magistrati.
[6] Revoka ta' licenzji u *warrants*.
[7] Iffrizar ta' proprjeta` ta' persuna akkuzata.
[8] Setghat addizzjonali ta' investigazzjoni.
[9] Difiza li ma tistax tingieb mill-akkuzat.
[10] Detenzjoni waqt kumpilazzjoni.

tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, u “tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda” u “jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz” (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant huwa hati ta’ tlieta mill-erba’ kapi ta' l-Att ta' Akkuza.

Il-gurati kellhom l-ewwel nett iqisu x-xiehda ta’ Basam Mohamed Gaballa Ben Khial, persuna li ammettiet li kellha x’taqsam ma’ l-importazzjoni ta’ eroina f’Malta izda li tat verzjonijiet konfliggenti. Fl-istqarrija li Basam ghamel lill-Pulizija fl-14 ta’ Settembru 2001, huwa stqarr, *inter alia*, li fl-4 ta’ Awissu 2001 kien gie Malta flimkien ma’ l-appellant li, meta kienu l-Libja, kien ghaddhielu l-eroina mohbija go diary u li meta rega’ gie Malta fit-13 ta’ Settembru 2001 flimkien ma’ certu Thafer Idris Gaballah Salem, dan Thafer kien qieghed igorr eroina li wkoll kien ghaddhielu l-appellant. Fl-istess jum l-imsemmi Basam ikkonferma bil-gurament l-istqarrija tieghu lill-Pulizija quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dott. Consuelo Scerri Herrera. Fil-5 ta’ Novembru 2001 xehed quddiem il-Qorti Istruttorja u hemm stqarr li l-appellant kien ghaddhielu pakkett darbtejn biex inizzlu Malta ghall-istess appellant. Fl-10 ta’ Jannar 2003 Basam rega’ xehed quddiem il-Qorti Istruttorja u hemm stqarr li dak li kien qal dwar l-involviment ta’ l-appellant ma kienx minnu izda li l-mandanti kien certu Salah Miled Ali, u li meta gie Malta fl-4 ta’ Awissu 2001 ma kellux droga fuqu u li kienet l-ideja ta’ Salah li jigi ma’ l-appellant sabiex dan jghinu biex jaghmel xi verifiki ghal visa biex ikun jista’ jmur l-Ingilterra. Fix-xiehda tieghu waqt il-guri, Basam rega’ cahad l-involviment ta’ l-appellant, qal li d-droga kienet ta’ Salah filwaqt li dwar l-4 ta’ Awissu 2001 l-ewwel ikkonferma li kien dahhal droga f’Malta, imbaghad li ma dahhalx imbaghad mill-gdid li dahhal.

L-artikolu 30A tal-Kap. 101 jipprovdi hekk: **“Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali,**

**meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, u kull xiehda moghtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament, u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."** Rinfaccati bil-verzjonijiet kontradittorji ta' Basam, il-gurati kellhom kull dritt jemmnu l-ewwel verzjoni li kien ta u li rrepeta tliet darbiet u kkonferma bil-gurament kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll quddiem il-Qorti Istruttorja fil-5 ta' Novembru 2001. Waqt il-guri, Basam ipprova jaghti spjegazzjoni li meta ghamel l-istqarrija u xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti kien mifxul, kien ha l-eroina ghax hu jabbuza minnha, kien ha xokk u ma kienx f'sikktu – pero` meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti qal testwalment: *"Jien qatt ma ghamilt uzu minn droga, l-ebda tip"*. Inoltre, bejn dakinhar u l-ewwel darba li xehed quddiem il-Qorti Istruttorja fil-5 ta' Novembru 2001 kienu ghaddew kwazi xahrejn, u xorta kkonferma l-involviment ta' l-appellant. Mistoqsi, waqt il-guri, jekk l-istat tieghu kienx l-istess huwa qal li kien *"ahjar naqra"*! U li f'dak iz-zmien *"kont qed nipprova nzomm l-istess haga u l-istess kliem, ma nibdilx, imma issa qed nghid il-verita`"*. Jispjega li kien ha parir minghand l-Imam. L-Imam Tatungi xehed illi Basam fi zmien il-Milied kien ghamillu mistoqsija generali jekk bniedem jaghti xiehda falza kif jista' johrog minnha. Kif tajjeb saqsa l-abbli prosekutur, il-parir kien "ghal gurament illi allegatament kien ittiehed qabel minn Basam, jew ghal dak li forsi kien ghadu gej?"

M'hemm l-ebda dubju, kif anke osservat l-ewwel Qorti, illi Basam stess ammetta li gideb. Dan ma jfissirx necessarjament illi huwa giddieb f'kollox. Il-gurati setghu jiddistingwu bejn verzjoni u ohra li ta Basam u setghu ragjonevolment jikkonkludu illi meta Basam ghamel l-istqarrija tieghu lill-Pulizija u li huwa kkonferma darbtejn bil-gurament, ma kien hemm l-ebda raguni biex jigdeb dwar l-involviment ta' l-appellant. Ma jirrizultax li kien taht

l-influwenza ta’ xi droga. Minn imkien ma tirrizulta sostanzjata l-allegazzjoni tieghu li l-persuna li huwa jsemmi bhala Salah huwa bniedem perikoluz hafna. Ghalkemm jghid li kien mifxul, dan ma waqqfux milli jaghmel stqarrija dettaljata lill-Pulizija, konfermata, kif inghad, f’zewg okkazjonijiet bil-gurament. Il-gurati setghu jinnutaw li, fix-xiehda tieghu quddiemhom, Basam ghamel minn kollox biex kull fejn kien implika lill-appellant, issostitwixxa ghalih lil Salah, sahansitra numru ta’ telefon jew ta’ mobile li rrizulta kien ta’ membri tal-familja ta’ l-appellant jghid li tahulu Salah!

Hemm imbaghad provi indizjarji li wkoll jippuntaw lejn il-koinvolgiment ta’ l-appellant ma’ Basam: il-fatt li l-appellant gie Malta flimkien ma’ Basam fuq l-istess titjira fl-4 ta’ Awissu 2001 meta Basam, skond l-ewwel verzjoni tieghu, kien qieghed igorr eroina; il-fatt li allegatament l-appellant gie jakkumpanja lil Basam sa l-ambaxxata (High Commission) Ingliza biex jaghmel visa ghall-Ingilterra u xehed li marru l-ghada li waslu Malta, <u>meta l-ghada kien il-Hadd</u>; il-fatt li l-appellant kien qieghed jistenna lil Basam l-ajruport fit-13 ta’ Settembru 2001 meta Basam gie ma’ Thafer li kellu fuqu konsenja ta’ eroina; u l-fatt li Basam kellu numru tal-mobile li fl-istqarrija jghid li huwa ta’ l-appellant izda meta xehed waqt il-guri qal li dan tahulu Salah ta’ persuna li “ser tkun hemm bejnietna” sabiex jekk ma jiltaqax ma’ Salah, icempel lil dik il-persuna – l-appellant pero` kkonferma li n-numru huwa ta’ missieru u huh.

Din il-Qorti nnutat ukoll illi meta l-appellant ghamel l-istqarrija tieghu lill-Pulizija, cahad li kien mar l-ajruport fit-13 ta’ Settembru 2001, qal li lil Basam kien rah darba wahda biss f’hajtu u cahad li qatt siefru flimkien. L-ewwel darba li xehed kien waqt il-guri u hemm ammetta li kien gie ma’ Basam fl-4 ta’ Awissu 2001 u li kien mar l-ajruport fit-13 ta’ Settembru 2001 izda, skond hu, fl-ewwel okkazjoni fuq talba ta’ Salah sabiex juri lil Basam fejn jista’ japplika ghal visa ghall-Ingilterra u fit-tieni okkazjoni ukoll fuq talba ta’ Salah biex jiltaqa’ ma’ Basam l-ajruport u jghaddilu xi flus ghat-taxi. Ghalkemm seta’ verament ezista Salah, l-ispjegazzjonijiet li ta l-appellant biex juri li

hu ma kienx jaf x'inhu jigri mhumiex plawsibbli. Fil-fatt hemm anke punti fix-xiehda tieghu fejn gie kontradett jew ikkontradica lilu nnifsu.

Kif inghad, fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija l-appellant cahad kollox. Meta xehed, mistoqsi ghalfejn ma semmiex lil Salah, wiegeb li l-mod kif Basam deffsu fil-bicca tad-droga u hu m'ghandux x'jaqsam, mohhu ma baqax jahdem[11], ma gharafx jitkellem[12]. Mistoqsi ghaliex ma qalx il-verita` qabel qal li kieku qal il-verita` dak iz-zmien "ha jghidu Salah baghat lilek u tak ghoxrin lira u mela inti msieheb mieghu, qeghdin flimkien"[13]. Bejn l-ewwel raguni u t-tieni raguni hemm kontradizzjoni cara; biex tasal ghat-tieni raguni trid zgur thaddem mohhok. Mistoqsi jekk dak li qal lill-Pulizija qalux volontarjament u minn rajh jew jekk giex mhedded jew imsawwat jew imwieghed xi haga minn xi hadd, l-appellant wiegeb li kien imwerwer u mbezza' ghax kien hemm pulizija Libjani li kienu mdahhlin fl-investigazzjonijiet u qalulu biex jitkellem ghax inkella ser jehel sittax-il sena, u dawn kienu prezenti waqt l-istatement[14]. Pero` waqt konfront ma' l-appellant, l-Ispettur Josric Mifsud cahad li l-pulizija Libjani kienu prezenti waqt xi stadju ta' l-interrogazzjoni ghalkemm stqarr li xi granet wara kienet giet delegazzjoni ta' Pulizija mil-Libja li kienu anke kellmu lill-appellant. Mad-dikjarazzjonijiet li ghamel l-appellant tista' tissemma' wkoll l-allegazzjoni tieghu illi meta kien immanettjat fil-karrozza tal-Pulizija kien hemm pulizija mara li sawtitu[15]. L-appellant huwa bniedem robust u, kif jghid huwa stess, mohhu fil-gym, u ghalhekk mhux kredibbli meta jghid li ssawwat.

Fix-xiehda ta' l-appellant hemm kontradizzjonijiet ohra li setghet tinnota din il-Qorti. Jghid li ma jafx x'kien jaghmel Salah[16], imbaghad li l-Libja kellu xi cafeteria[17], imbaghad li

[11] Tape 14 Side A p. 1.
[12] Tape 14 Side A p. 2.
[13] Tape 14 Side A p. 4.
[14] Tape 15 Side A p. 2.
[15] Tape 12 Side A p. 4.
[16] Tape 13 Side A p. 4.
[17] Tape 13 Side A p. 4.

ma jafx minn fejn Salah kien jiddobba biex jiekol[18]. Jghid li Salah iltaqa’ mieghu l-Pjazza l-Hadra meta ghamillu l-proposta biex jigi Malta ma’ Basam u l-ghada marru jaghmlu l-booking tal-biljett[19] izda aktar tard qal li meta mar fuqu Salah kellu l-biljett[20]; fuq mistoqsija tal-Qorti jghid li huwa passaport qal li kellu Salah u mhux biljett filwaqt illi l-interpretu insista li l-appellant kien qal biljett[21]. Jghid li ma kienx habib *close* ma’ Salah[22] izda mbaghad, fuq mistoqsija tad-difiza x’hin u meta kien jaf meta jridu jigu Malta, wiegeb li Salah mar ghandu d-dar mbaghad, fuq sensiela ta’ domandi mill-Qorti, li Salah kien jaf l-indirizz ghax hu (jigifieri l-appellant) maghruf fil-Libja bhala bniedem sportiv u fl-ahhar li kien hu li ta l-indirizz tieghu lil Salah meta kien iltaqa’ mieghu fuq il-vapur li kien jittragitta bejn il-Libja u Malta[23].

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, l-appellant mhuwiex kredibbli fic-cahdiet tieghu u ghalhekk il-gurati ragjonevolment u legalment setghu jsibuh hati ta’ l-ewwel u tat-tieni kapi ta’ l-att ta’ akkuza.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jghid illi “apparti l-fatt li l-‘piena ta’ habs’ imsemmija fis-sentenza appellata ma tezistix fil-ligi”, il-piena nflitta, mehud in konsiderazzjoni l-kwantita` ta’ droga involuta u ta’ cirkostanzi ohra, hi gravuza ferm. Jghid illi huwa minnu li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-kondotta tajba precedenti ta’ l-appellant u li din il-Qorti rarament tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti, izda f’dan il-kaz tali piena ghandha tigi ssindikata.

Kif korrettement jghid l-appellant, il-piena ta’ “habs” ma tezistix fil-ligi. L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal dan meta kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez peritali u ordnat li jekk ma jithallsux minnufih dawn jigu konvertiti “f’piena ta’ habs skond il-ligi”. Ghalhekk din il-Qorti se tvarja din il-parti dispozittiva tas-sentenza.

---

18 Tape 13 Side A p. 4.
19 Tape 12 Side A p. 2.
20 Tape 13 Side A p. 5.
21 Tape13 Side A p. 6.
22 Tape 13 Side A p. 5.
23 Tape 12 Side B p. 1 – 2.

Dwar il-piena mbaghad, il-principju regolatur effettivament huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[24].

F’dan il-kaz il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet certament entru l-parametri tal-ligi meta wiehed iqis illi l-piena massima kontemplata mil-ligi hi dik ta’ prigunerija ghall-ghomor u ta’ multa massima ta’ hamsin elf lira (Lm50,000). Inoltre l-ewwel Qorti certament ikkunsidrat dak kollu li seta’ jigi kkunsidrat fl-ghoti tal-piena. Pero`, stante li din il-Qorti sejra tiddikjara lill-appellant mhux hati tar-raba’ kap ta’ l-att ta’ akkuza, allura sejjer ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassar il-verdett u dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-raba’ kap ta' l-att ta' akkuza u minflok tissostitwixxi verdett ta’ mhux hati u b’hekk tiddikjarah mhux hati ta’ l-imsemmi raba’ kap ta’ l-att ta’ akkuza, tirrevokaha wkoll in kwantu l-appellant gie kkundannat ghal ghoxrin sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li ghamel taht arrest preventiv u ghal multa ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000) konvertibbli f’sena prigunerija f’kaz li ma jithallsux minnufih, u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tlettax-il sena bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz qabel ma nghatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ghall-hlas ta’ multa ta’ ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) konvertibbli f’sena prigunerija jekk ma jithallsux minnufih, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ihallas l-ammont ta’ mija u sbatax-il lira Maltin (Lm117) import ta’ spejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process u f’kaz li dawn ma jithallsux

---

[24] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

minnufih jigu konvertiti f’piena ta’ habs skond il-ligi, u minflok tikkundannah ihallas l-ammont ta’ mija u sbatax-il lira Maltin (Lm117) import ta’ l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process u f’kaz li dawn ma jithallsux minnufih jigu konvertiti fi prigunerija skond il-ligi, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament b'dan li l-perijodu ta’ hmistax-il jum biex l-Avukat Generali jindika b’nota li d-droga esebita ghandhiex tigi preservata in konnessjoni ma’ xi process kriminali iehor jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------